ĦARĠA NUMRU 33 - REBBIEGĦA 2023

NEWSPAPER POST

# Nisġet artna

PUBBLIKAZZJONI MAĦRUĠA MILL-MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI



GVERN TA' MALTA

MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

SEGRETARJAT PARLAMENTARI GĦAS-SAJD, L-AKWAKULTURA U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

## IL-WERREJ


3 Messaġġ mingħand il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali

4 Messaġġ mingħand is-Segretarju Parlamentari għas-Sajd, l-Akkwakultura u d-Drittijiet tal-Annimali

5 Donazzjoni lil Puttinu Cares mill-Impjegati tad-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura

6 EkoSkemi Ġodda għall-Politika Agrikola Komuni (PAK) 2023-2027

8 Il-Virus tal-Frott Imkemmex u Kannella tat-Tadam

10 Lejn Produzzjoni ta' Ikel Organiku

12 Ftehim bejn Il-Biċċerija Pubblika ta' Malta u ċ-Ċentru għall-Klassifikazzjoni tal-Karkassi fl-Università ta' Ghent fil-Belġju

13 EMP 605: Inniedu Konsultazzjoni Wiesgħa mas-Sajjieda

16 Il-Bagħal taż-Żunżan – Vespa Orientalis

18 MED-WET: Proġett Dwar Sistemi tal-Irrigazzjoni Effiċjenti u Sostenibbli

19 Il-Proġett AgriHub Ivara Linji Gwida tal-Ġestjoni Integrata tal-Pesti

20 L-Impenn tad-Dipartiment tas-Saħħa u t-Trattament Xieraq tal-Annimali kontra r-Reżistenza għall-Antimikrobiċi

22 Intervista ma'... Bjorn Callus

24 Unità ta' Sorveljanza

26 L-Għid u l-Ħaruf tal-Għid


## EDITORJAL

Kieku kelli nagħżel staġun favorit ikun proprju r-rebbiegħa; tkun irrankat is-sena l-ġdida sew u fl-aħħar neqilbu lura għall-ħin tas-sajf, dis-sena fis-26 ta' Marzu! Ma nistax ma nsemmix il-ġmiel tan-natura madwarna f'dan l-istaġun f'Malta u Għawdex. Fir-rebbiegħa jsir il-ħsad u ngawdu diversi frott u ħxejjex lokali li jkunu proprju ħadmu għalih il-bdiewa Maltin u Għawdxin matul il-ħarifa u x-xitwa. Bħalma jindika r-ritratt tal-qoxra ta' din l-edizzjoni, ir-rebbiegħa hija wkoll l-istaġun meta l-aktar jitwieldu ħrief, simbolu sinominu mal-Għid il-Kbir!

Ix-xogħol tal-Ministeru dan l-aħħar tliet xhur ma waqafx hekk kif is-sena l-ġdida 2023 ġabet magħha wkoll il-bidu ta' Pjan Strateġiku ġdid tal-Politika Agrikola Komuni għal Malta 2023-2027. Dan ifisser diversi skemi u fondi ġodda għas-settur agrikolu lokali (aqra paġna 6 għal aktar informazzjoni). F'din l-edizzjoni ser issibu wkoll artiklu fuq il-produzzjoni organika, artiklu biex nifhmu parti mix-xogħol li qed jsir mill-Malta Food Agency, fost ħafna artikli oħra li żgur ser itukom stampa ċara dwar l-iżvilupp li qed iseħħ fis-setturi tal-agrikoltura, is-sajd u trattament xieraq tal-annimali. Bħas-soltu ser issibu wkoll ir-rokna għat-tfal u rokna ġdida li żgur ser issibuha ferm interessanti fejn ma' kull ħarġa ser nibdew nippubblikaw intervista ma' uffiċjal mill-Ministeru u proprju ser nibdew billi nsiru nafu aktar lis-Sur Bjorn Callus, id-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tal-Akkwakultura u s-Sajd.

Inħeġġukom tingħaqdu magħna fuq il-paġni ta' Facebook uffiċjali tagħna Agrikoltura u Sajd ħalli tibqgħu aġġornati ma' dak kollu li jkun għaddej f'ħin reali fi ħdan il-Ministeru tagħna. Tistgħu wkoll tagħmlu kuntatt magħna dirett fuq l-indirizz elettroniku nisgetartna.mafa@gov.mt.

Nispera li din il-ħarġa ssibuha ta' interess.

Tislijiet,
Gabriella Farrugia


Nisġet artna

**Pubblikazzjoni maħruġa mill-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali**
**t-Taqsima tal-Attivitajiet u l-Promozzjoni • Agriculture Research and Innovation Hub**
**L-Għammieri, Il-Marsa, MRS 3303**





Ritratt meħud minn Neville Sultana


*Editur*
Gabriella Farrugia

*Qari tal-provi*
Proofreading Malta

*Kontributuri*
Simone Galea
Samuel Sciberras
Joseph Jason Abela
Maureen Delia
Alice Anne Steer
Matthew Laspina
Jean Paul Schembri
Darren Borg
Francesca Busuttil
Sarah Camilleri
Claire Cauchi
Stephen Spiteri
Neville Sultana
Josephine Schembri

*Stampar*
Government Printing Press

GOVERNMENT Printing Press

*Disinn*
Salesian Press

Salesian PRESS QUALITY PRINTERS

# MESSAĠĠ MINGĦAND IL-MINISTRU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI



Insellmilkom,

Għal darb'oħra qed ningħata din l-opportunità sabiex inwassal il-messaġġ tiegħi bħala Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali f'ħarġa oħra ta' Nisġet Artna.

Fix-xhur li għaddew, bħala Gvern ma waqafniex ninvestu fl-oqsma li jaqgħu taħt il-Ministeru tiegħi. Dan kollu qed isir sabiex dejjem nibqgħu insaħħu lis-settur, u anke ngħinu lill-ħaddiema kollha involuti.

Waħda mill-aħħar miżuri li wettaqna hija l-iffirmar tal-*Memorandum of Understanding* bejn il-*Malta Food Agency* u l-WasteServ, ftehim li huwa kruċjali ferm għaż-żamma tar-raba' u l-kultivazzjoni tal-ħxejjex u frott mill-bdiewa tagħna. Minn naħa l-oħra, dan il-ftehim ser ikompli jnaqqas il-piżijiet minn fuq il-bdiewa tagħna għal meta jiġu bżonn il-kompost għall-għelieqi tagħhom. B'hekk qed naraw li l-iskart qed jinbidel f'riżors importanti.

Miżura oħra u wegħda elettorali hija dik ta' €30,000, fejn qed naraw proġett edukattiv li permezz tiegħu l-istudenti fil-livell Primarju jitgħallmu iżjed dwar is-setturi tal-agrikoltura u tal-produzzjoni tal-ikel. Ma nistax ma nsemmix l-investiment ta' €150,000 u miżura oħra fil-manifest elettorali, dik li permezz tagħha ftaħna s-santwarju tal-qtates abbandunati amministrat mid-Direttorat għat-Trattament Xieraq tal-Annimali. Dan is-santwarju għandu jkompli jgħin sabiex nagħtu saqaf u kura xierqa lil bosta qtates li sfaw abbandunati jew maħqura.

Il-ħidma Parlamentari minn naħa l-oħra ssoktat, hekk kif f'Diċembru li għadda ressaqt proposti għal emendi fil-liġi sabiex inkomplu nassiguraw it-trattament xieraq tal-annimali. Dan hekk kif qegħdin naħdmu sabiex ikollna qafas legali aktar b'saħħtu u infurzar adegwat.

Barra minn hekk,fuq livell Ewropew u Internazzjonali bqajt nattendi għal-laqgħat importanti tal-Ministri fi Brussell, fejn fost l-oħrajn kelli diskussjonijiet mal-Kummissarju Ewropew għall-Agrikoltura. Fl-Oman iltqajt mad-Direttur Ġenerali tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, u f'laqgħat oħra f'pajjiżna Itqajt mal-Ministru Reġjonali responsabbli mill-Agrikoltura ġewwa Murcia fi Spanja, u mal-Kummissarju Għoli tar-Repubblika tal-Indja.

Il-ħidma fuq ir-riforma fil-qasam tar-raba' baqgħet għaddejja biex b'hekk noħolqu qafas legali u sistemi ta' kontroll li jissalvagwardjaw id-drittijiet soċjali tal-partijiet kollha, is-sigurtà tal-ikel u l-ħarsien tal-ambjent.

Fuq kollox kien ta' pjaċir għalija li bqajt niltaqa' magħkom u nisma' dak li kellkom x'tgħidulna.

Tislijiet sinċiera,

Anton Refalo

*Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali*



# MESSAĠĠ MINGĦAND IS-SEGRETARJU PARLAMENTARI GĦAS-SAJD, L-AKKWAKULTURA U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

Għeżież,
Grata li għal edizzjoni oħra ta' din il-pubblikazzjoni ġejt mistiedna nikteb dan il-messaġġ introduttorju u naqsam ftit ħsibijiet magħkom. Dan hekk kif wasal magħna l-isbaħ u l-iktar staġun ikkulurit fil-kalendarju, dak tar-rebbiegħa.

Bla ebda dubju, it-tema li ħafna nies jassoċjaw ma' dan il-perjodu huwa dak tar-riġenerazzjoni. Wieħed jabbina l-aktar dan il-fenomenu ma' dak li qiegħed iseħħ bħalissa fin-natura, jiġifieri l-proċess fejn l-għelieqi tagħna jiffjorixxu u jerġgħu jibdew jiżvolġu f'rutina akbar ta' produzzjoni tal-ikel lokali. Huwa l-istaġun fejn is-sajjieda jagħmlu l-preparamenti u l-manutenzjoni l-aktar kruċjali qabel il-bidu tal-istaġun tas-sajd fix-xhur li ġejjin. Għall-annimali tagħna huwa staġun ideali għat-tgawdija tan-natura ta' madwarna, flimkien mas-sidien responsabbli tagħhom.

Ta' min jgħid però, li r-riġenerazzjoni hija wkoll sinonima mal-ħidma politika tagħna. Matul l-ewwel xhur tal-2023, ridna naħsdu l-frott tal-ħidma kollha tagħna matul it-tmiem tas-sena preċedenti. Fl-istess ħin, il-ħidma tagħna kompliet tintensifika biex flimkien bdejna niżvolġu l-ewwel paġni tal-kapitlu l-ġdid tal-2023.

Fis-settur tas-sajd, pereżempju, il-ħidma tagħna waslet għall-akbar qabża fil-kwota tas-sajd tat-tonn għal pajjiżna f'dawn l-aħħar tliet snin. Dan kien riżultat tal-pressjoni f'waqtha tal-Gvern Malti biex dawn il-kwoti jiġu aġġustati abbażi tal-aħħar andamenti xjentifiċi. Grazzi għal dan is-suċċess, is-sajjieda Maltin u Għawdxin setgħu jgawdu l-frott tas-sagrifiċċju tagħhom matul dawn is-snin.

Fis-settur tal-ħarsien tal-annimali, ħabbarna l-ewwel investiment fi spazji ġodda għall-annimali abbandunati. Il-Cattery li nedejna ġewwa l-Għammieri, li ser jilqa' fih mal-150 qattus, huwa biss l-ewwel pass. Fiż-żmien li ġej, il-ħidma infrastrutturali ser tkompli tħallilna l-frott u tagħti l-ispinta tant bżonjuża.

Ma nistgħux ma nsemmux ukoll l-involviment tat-teknoloġija fil-proċess ta' riġenerazzjoni li qegħdin inwettqu flimkien. Qed ninvestu viċin il-€1 miljun ewro f'sistema tal-informatika ġdida għall-benefiċċju ta' kull sajjied Malti u Għawdxi. B'hekk, is-servizzi provduti mid-Direttorat tas-Sajd jibqgħu jkunu effikaċi, effettivi u veloċi.

Minkejja dawn l-inizjattivi kollha li semmejt hawn fuq, il-ħidma tagħna ma tiqafx hawn. Ta' min jiftakar ukoll fuq l-element l-iktar kruċjali tar-riġenerazzjoni. Dan il-fenomenu huwa wieħed konsistenti, ma jiqafx biss wara ftit jiem jew xhur iżda jibqa' għaddej bla waqfien.

Insemmi wkoll il-konsultazzjonijiet pubbliċi li nieda l-Gvern fil-qasam tas-sajd, kif ukoll dak li jindirizza l-operat tad-Direttorat għat-Trattament Xieraq tal-Annimali. B'dawn iż-żewġ inizjattivi, nassiguraw li jseħħu l-bidliet tant meħtieġa u jħallu legat pożittiv kemm fuq il-ġenerazzjonijiet preżenti, kif ukoll dawk futuri.

L-isfidi li qegħdin naffaċċjaw jirrikjedu soluzzjonijiet kumplessi, ħidma multilaterali, u innovazzjoni b'mod konsistenti. Għalhekk, il-proċess tar-riġenerazzjoni għandu jkompli, u ser jibqa' konsistenti.

Inħares 'il quddiem biex fl-edizzjoni li jmiss inkun nista' niddiskuti iktar passi ġodda li ħadna aħna bħala Gvern għall-benefiċċju tal-poplu Malti u Għawdxi kollu.

*Alicia Bugeja Said*

*Segretarju Parlamentari għas-Sajd, l-Akkwakultura u d-Drittijiet tal-Annimali*



# DONAZZJONI LIL PUTTINU CARES MILL-IMPJEGATI TAD-DIPARTIMENT TAS-SAJD U L-AKKWAKULTURA

Wara waqfa ta' sentejn minħabba l-pandemija tal-COVID-19, l-impjegati tad-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura nġabru flimkien għall-festin tal-Milied li sar fit-23 ta' Diċembru, fir-Razzett l-Antik, l-Għammieri.

Dan il-festin kien ikkumplimentat minn numru t'attivitajiet, fosthom lotterija b'diversi premjijiet li bis-saħħa tagħha madwar nofs l-impjegati preżenti marru lura d-dar b'rigal sabiħ.

Żmien il-Milied huwa wkoll iż-żmien fejn kulħadd jaħseb f'min hu inqas ixxurtjat u għaldaqstant, l-impjegati preżenti taw xi ħaġa żgħira tal-flus biex tingħata lil xi għaqda filantropika. Ta' min jgħid li l-*Fisheries Research Unit*, fi ħdan id-Dipartiment tas-Sajd, ta somma żgħira li nġabret matul is-sena fl-uffiċċju tagħhom.

L-għaqda li ntgħażlet biex tibbenefika minn din id-donazzjoni kienet Puttinu Cares, li l-għan tagħha huwa li tipprovdi sapport morali, professjonali u loġistiku kemm lil dawk morda bil-kanċer kif ukoll lill-familji tagħhom.

Inġabret is-somma ta' €225 u ġiet ippreżentata lil Puttinu Cares fl-uffiċċju tagħhom fiċ-Ċentru tal-Onkoloġija Sir Anthony Mamo fl-Isptar Mater Dei nhar it-13 ta' Jannar 2023.

Id-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura jirringrazzja lill-impjegati tiegħu għall-ġenerożità li wrew u jispera li din il-ġabra ssir parti regolari mill-attivitajiet li d-Dipartiment jorganizza matul is-sena kollha.



Department of Fisheries

PUTTINU CARES
FOUNDATION VO/0087

DATE: 13.1.2023

RECEIPT NO: 02404

SUM OF: Two hundred twenty five euro

CASH [X] CHEQUE NO:

€ 225.00

PUTTINU CARES FOUNDATION



# EKOSKEMI ĠODDA GĦALL-POLITIKA AGRIKOLA KOMUNI (PAK) 2023-2027

*Kitba ta' Samuel Sciberras*
*Trainee mal-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali*

Wara perjodu twil ta' negozjati u preparamenti, il-Pjan Strateġiku l-ġdid tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) 2023-2027 għal Malta ġie approvat mill-Kummissjoni Ewropea fl-1 ta' Diċembru 2022, u daħal fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2023. L-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali (ARPA), fi ħdan il-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali (MAFA), flimkien mal-Awtorità ta' Ġestjoni, fi ħdan il-Ministeru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet (MEEL), bi pjaċir iħabbru li l-Pjan il-ġdid se joffri numru ta' opportunitajiet ġodda ta' għajnuna finanzjarja li minnhom jista' jibbenefika s-settur agrikolu lokali.

F'din il-pubblikazzjoni se nagħtu ħarsa lejn skemi ġodda li jagħmlu parti minn dal-pjan taħt il-pagamenti diretti u li huma ffinanzjati bis-sħiħ mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG). Dawn l-iskemi, imsejħa Ekoskemi, se jieħdu l-forma ta' impenji ta' ġestjoni li huma ta' benefiċċju għall-klima u għall-ambjent, u li għandhom jittieħdu minn dawk il-bdiewa li volontarjament ifittxu li jibbenefikaw minn appoġġ finanzjarju addizzjonali taħt dawn l-iskemi ġodda u jsegwu l-obbligi marbutin magħhom.

Marbut ma' dan, il-Pjan Strateġiku l-ġdid introduċa kriterji ġodda għall-Iskema ta' Appoġġ għad-Dħul Bażiku (BISS) li effettivament jissostitwixxu r-rekwiżiti l-qodma. Dawk il-bdiewa li japplikaw għall-Ekoskemi msemmijin hawn taħt jiġu rreġistrati awtomatikament għall-BISS.

L-ewwel Ekoskema tikkonċerna d-dedikazzjoni tal-ħbula għat-titjib tal-bijodiversità u l-polinazzjoni. Din l-iskema tipprovdi għajnuna finanzjarja lill-bdiewa li jiddeċiedu li joqogħdu lura milli jikkultivaw l-uċuħ kollha tar-raba' tagħhom filwaqt li jikkultivaw

xi wċuħ bi pjanti speċifiċi ta' valur ekoloġiku għoli. Fl-istess ħin, il-bidwi għandu jieħu l-impenn li jsegwi ċerti prattiċi ekoloġiċi. Dawn jinkludu l-projbizzjoni tal-użu ta' fertilizzanti u PPPs, u l-impenn li ż-żona kollha tinżamm iddikjarata għall-Ekoskema għal mill-inqas tliet (3) snin, fost oħrajn.

It-tieni Ekoskema tikkonċerna l-Ġestjoni Integrata tal-Pesti. Din l-iskema għandha tikkumpensa lill-bdiewa li b'mod volontarju jimxu ma' pjan ta' ġestjoni integrat tal-pesti. Il-bidwi huwa meħtieġ jipprovdi Pjan ta' Ġestjoni Integrat tal-Pesti (IPMP) maħruġ mingħand konsulent kompetenti, għandu jżomm rekords dwar id-dati tal-monitoraġġ imwettaq, it-tip u n-numru ta' pesti, u l-għelieqi għandhom jinżammu taħt attività agrikola minima annwali għal mill-inqas tliet (3) snin konsekuttivi, fost oħrajn.

L-aħħar Ekoskema għandha l-għan li tinċentiva aktar użu tal-*Bijo-Mulch*. L-iskop ta' din l-iskema hija li jibda jintuża aktar *mulch* bijodegradabbli f'dawk is-setturi fejn l-uċuħ jiġu kkultivati b'mod intensiv. Il-bdiewa għandhom jimpenjaw ruħhom sabiex jużaw *mulch* bijodegradabbli għal mill-inqas ċiklu wieħed (1) tar-raba'. Dawn jintużaw biex jimmodifikaw it-temperatura tal-ħamrija, jikkonservaw l-umdità tal-ħamrija, u jnaqqsu l-impatt ta' veġetazzjoni mhux mixtieqa, u fl-aħħar mill-aħħar itejbu l-produttività tal-uċuħ. Barra minn hekk, jirriżulta fi tnaqqis fil-ġenerazzjoni tal-iskart tal-plastik. Fost impenji oħrajn, kull bidwi għandu jżomm rekords tad-dokumenti fiskali relatati max-xiri tal-*mulch* bijodegradabbli, li jindikaw b'mod ċar ix-xiri ta' dan it-tip ta' *mulch*.

Għaldaqstant, nixtiequ nħeġġu lill-bdiewa tagħna sabiex jibbenefikaw minn dawn il-possibiltajiet ta' għajnuna finanzjarja ulterjuri taħt il-pagamenti diretti, billi japplikaw taħt dawn l-iskemi fiż-żmien stipulat li jiġi mħabbar mill-Aġenzija minn sena għall-oħra.

Jekk tixtieq tikseb aktar informazzjoni dwar dawn l-iskemi u skemi oħrajn li jaqgħu taħt il-pagamenti diretti 2023-2027, tista' tikkonsulta l-linji gwida dettaljati li jinsabu fuq is-sit elettroniku tal-Aġenzija www.arpa.gov.mt. Barra minn hekk, wieħed jista' wkoll jikkuntattja l-*Front Office* tal-Aġenzija bit-telefown fuq 2292 6148, jew permezz ta' posta elettronika mibgħuta fuq arpa.mafa@gov.mt.





# IL-VIRUS TAL-FROTT IMKEMMEX U KANNELLA TAT-TADAM – KIF INHU REGOLAT?

*Kitba ta' Maureen Delia*
*Spiżjara Prinċipali Anzjana*
*Dipartiment għall-Affarijiet Rurali*

**Il-Virus tal-Frott Imkemmex u Kannella tat-Tadam, bl-Ingliż Tomato Brown Rugose Fruit Virus u fil-qosor ToBRFV hu mikroorganiżmu li beda jissemma fil-gżejjer Maltin riċentament. Dan l-artiklu se jagħti ħarsa lejn kif inhu regolat dan il-virus permezz tal-liġijiet.**

Dan il-mikrobu bħalissa mhuwiex klassifikat bħala Pesti ta' Kwarantina fl-Unjoni (Union Quarantine Pest) jew bħala Pesti Irregolat mhux ta' Kwarantina fl-Unjoni (Union Regulated Non-Quarantine Pest) taħt il-liġijiet tal-Unjoni Ewropea (UE). Imma nħass il-bżonn li jinħolqu miżuri ta' emerġenza fl-UE li jipprevenu d-dħul, l-istabbiliment u l-firxa ta' dan l-organiżmu partikolari wara li ġew irrappurtati sejbiet tat-ToBRFV fuq it-tadam fil-Ġermanja u fl-Italja. Għalhekk, ġiet addottata d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1615 li kienet tapplika bejn l-1 ta' Novembru 2019 u l-15 t'Awwissu 2020 u kienet tkopri attivitajiet fuq iż-żrieragħ u pjanti tat-tadam u l-bżar bħal stħarriġ annwali, akkumpanjament tal-passaport tal-pjanti, u ċertifikat fitosanitarju mal-materjal li qed jinbiegħ fl-UE u li qed jidħol minn pajjiżi terzi rispettivament u ċċekkjar uffiċjali fil-postijiet fejn jidħol il-materjal.

Sadanittant, ġie rrappurtat iktar tifqigħ tal-virus minn diversi Stati Membri tal-UE u nġabret informazzjoni xjentifika aktar aġġornata dwar il-firxa tat-ToBRFV u dwar il-metodi tal-ittestjar fil-laboratorji li rriżultaw fil-ħtieġa li jinħarġu miżuri aktar dettaljati minn dawk li diġà kienu fis-seħħ.

Għalhekk ġie ppubblikat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1191 li jkopri l-perjodu ta' bejn il-15 t'Awwissu 2020 u l-31 ta' Mejju 2023. Din il-liġi tapplika għaż-żrieragħ u pjanti tat-tadam u l-bżar inkluż l-ibridi tat-tadam, pjanti tat-tadam u l-bżar li ma jkunx ser jerġa' jitħawwel kif ukoll il-frott ta' dawn il-ħxejjex.

Dan ir-regolament ġie emendat bir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/74 u 2021/1809 li huma applikabbli mit-30 ta' Jannar 2021 u mis-26 ta' Diċembru 2021 rispettivament. Ir-raġunijiet prinċipali kienu l-interpretazzjoni differenti minn ċerti Stati Membri tal-UE u operaturi professjonali, diffikultajiet biex jintlaħqu r-rekwiżiti mill-pjanti li minnhom ittieħdet iż-żerriegħa (pjanti omm) qabel il-15 t'Awwissu 2020 fl-UE u pajjiżi terzi, kjarifika fuq it-teħid tal-kampjuni u ttestjar taż-żerriegħa msemmija, distinzjoni bejn siti

ta' produzzjoni bi protezzjoni fiżika u oħrajn, identifikazzjoni taż-żmien meta jsir l-ittestjar tal-pjanti omm qabel jinġabar il-frott biex tittieħed iż-żerriegħa minnu u aġġornament tal-frekwenza tal-ittestjar ta' konsenji ta' żerriegħa u pjanti li joriġinaw minn ċerti pajjiżi terzi.

Il-regoli prinċipali tar-Regolament (UE) 2020/1191 inkluż l-emendi huma:

### SUSPETT JEW PREŻENZA TAL-VIRUS

- Kull suspett jew għarfien tal-preżenza tal-virus għandu jkun irrappurtat lill-awtorità kompetenti (id-Direttorat għall-Ħarsien tal-Pjanti għal Malta);
- Din l-awtorità trid tieħu l-miżuri neċessarji biex tikkonferma l-preżenza tal-mikroorganiżmu;
- Meta l-preżenza hi kkonfermata, il-ToBRFV għandu jinqered, żoni demarkati jiġu stabbiliti u miżuri speċifiċi jiġu applikati għal siti ta' produzzjoni intenzjonati għall-produzzjoni tal-pjanti, żrieragħ u frott; u
- Żoni demarkati jiġu aboliti u jintemmu l-miżuri ta' qerda tal-virus wara li jiġi kkonfermat bit-teħid ta' kampjuni u l-ittestjar tal-pjanti ta' għelejjel suċċessivi li s-sit ikun instab ħieles mill-virus għal perjodu speċifiku wara t-tħawwil.

### MONITORAĠĠ

- Stħarriġ annwali għandu jsir mill-awtorità kompetenti għall-preżenza tal-virus fuq materjal tal-pjanti fit-territorju tagħhom inkluż f'postijiet ta' produzzjoni ta' żerriegħa u pjanti; u
- Rapport bir-riżultati tal-istħarriġ għandu jintbagħat lill-Kummissjoni Ewropea kull sena.

### MOVIMENT TAL-PJANTI U ŻERRIEGĦA FL-UE

- Miżuri speċifiċi għandhom jiġu rispettati mill-materjal tal-pjanti sabiex ikun jista' jiġi ċċirkolat fl-UE bħall-akkumpanjament tal-passaport tal-pjanti, is-siti ta' produzzjoni jridu jkunu ħielsa mill-virus wara spezzjonijiet uffiċjali u f'ċerti każijiet, jittieħdu kampjuni u jsiru testijiet fil-laboratorju mill-awtorità kompetenti, separazzjoni tal-lottijiet, rekordjar tal-oriġini tal-lottijiet u applikazzjoni ta' miżuri ta' iġjene;
- Fil-każ ta' żrieragħ, huma jew il-pjanti omm ikunu suġġetti għat-teħid ta' kampjuni u ttestjar u jridu jinstabu mingħajr il-mikrobu. L-ittestjar tal-pjanti omm għandu jsir fl-iqsar żmien possibbli qabel isir l-ewwel ġbir tal-frott li minnu tittieħed iż-żerriegħa; u
- Teħid ta' kampjuni u ttestjar irid isir skont l-Anness tal-liġi Ewropea.

### INTRODUZZJONI TA' ŻERRIEGĦA U PJANTI FL-UE MINN PAJJIŻI TERZI

- Pjanti (ħlief varjetajiet reżistenti ta' bżar) għandhom ikunu akkumpanjati minn ċertifikat fitosanitarju li jkollu dikjarazzjoni uffiċjali li tinkludi ħelsien mill-mikrobu billi jiġu ttestjati ż-żrieragħ li se jintużaw biex jiġu ġġenerati pjanti u wkoll ħelsien mit-ToBRFV fis-siti ta' produzzjoni. Għal varjetajiet reżistenti ta' bżar, titniżżel konferma tar-reżistenza fuq iċ-ċertifikat;
- Żrieragħ (ħlief varjetajiet reżistenti ta' bżar) għandhom ikunu akkumpanjati minn ċertifikat fitosanitarju li jkollu dikjarazzjoni uffiċjali li tinkludi ħelsien mill-mikrobu fis-siti ta' produzzjoni fejn tkabbru l-pjanti omm u li ż-żrieragħ huma ħielsa mit-ToBRFV wara l-ittestjar. Għal varjetajiet reżistenti ta' bżar, titniżżel konferma tar-reżistenza bħal dik fil-każ tal-pjanti;
- Mhux inqas minn 20 fil-mija tal-konsenji taż-żrieragħ u pjanti jridu jiġu kampjunati u ttestjati fl-UE hekk kif jaslu minn pajjiżi terzi. Imma għall-Iżrael, ir-rata hi ta' 50 fil-mija u għaċ-Ċina, 100 fil-mija.

### TEĦID TA' KAMPJUNI U TTESTJAR

- Skemi tat-teħid ta' kampjuni għaż-żrieragħ u pjanti apparti tal-bżar liema varjetajiet huma magħrufa li huma reżistenti għat-ToBRFV huma speċifikati fl-Anness tal-liġi;
- Il-metodi tal-ittestjar fil-laboratorju biex tiġi identifikata l-preżenza u l-identifikazzjoni tat-ToBRFV fuq dan il-materjal u anke l-frott huma ppreżentati; u
- F'każ ta' riżultat pożittiv, irid jintuża metodu ieħor għall-konferma tal-virus ġol-istess kampjun u li jrid ikun differenti minn dak li ntuża meta nstab il-mikrobu. RT-PCR hu użat.

Għal aktar dettall, wieħed jista' jaqra l-liġijiet li saru referenza għalihom f'dan l-artiklu minn https://eurlex.europa.eu. Dawn il-liġijiet huma f'forma ta' Regolamenti u allura huma direttament applikabbli għal Malta. Informazzjoni oħra tinstab fil-paġna tal-web https://agrikoltura.gov.mt/en/phd/Pages/home.aspx jew wieħed jista' jċempel fuq il-*Freephone* 8007 2310 tad-Direttorat għall-Ħarsien tal-Pjanti.




# LEJN PRODUZZJONI TA' IKEL ORGANIKU

*Kitba ta' Sonya Sammut*
*Ambaxxatriċi Maltija għall-Ikel Organiku u Sostenibbli*
*Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti*

Sabiex nifhmu x'inhi l-biedja organika, irridu mmorru pass lura fiż-żmien. Minn meta seħħet ir-revoluzzjoni tal-agrikoltura, is-sistemi ta' produzzjoni komplew isiru iktar intensivi u iktar dipendenti fuq sustanzi artifiċjali, b'riżultat ta' kwantitajiet akbar ta' ikel, kif ukoll impatt negattiv fuq l-ambjent, fuq il-klima, u fuq saħħet il-bniedem. Il-biedja organika hija pass lura, lejn metodi naturali. Mhijiex filosofija, imma sistema ta' kif nistgħu nieħdu prodott ta' ikel mimli benefiċċji billi naħdmu id f'id man-natura.



L-interess u l-attenzjoni riċenti fuq il-produzzjoni ta' ikel organiku huma frott il-*Green Deal*; patt politiku li joffri qafas biex nieħdu ħsieb l-ekoloġija tagħna. Fuq livell Ewropew, għandna l-mira li sal-2030, 25% tar-raba' fl-Unjoni Ewropea jkun iċċertifikat bħala organiku. Din il-mira hija riflessa fl-istrateġija *Farm to Fork*, u fil-pjan strateġiku tal-Politika Agrarja Komuni, fejn jiġu allokati l-fondi neċessarji sabiex jintlaħqu dawn il-miri. Bħall-pajjiżi l-oħra, Malta qed tħejji pjan t'azzjoni li jelenka kif ser inkabbru il-firxa ta' art iċċertifikata bħala organika, u kif se jkollna volum u firxa iktar wiesgħa ta' prodotti organiċi tal-ikel.

*Tiġieġa mrabbija lokalment b'mod organiku*



Qara' aħmar lokali organiku

Il-kordinazzjoni tal-ħidma sabiex jitfassal dan il-pjan hija waħda mill-funzjonijiet prinċipali tiegħi bħala l-Ambaxxatriċi Maltija għall-Ikel Organiku u Sostenibbli. Imma x-xogħol tiegħi ma jiqafx hemm. Aspett ieħor ferm importanti tal-ħidma tiegħi huwa l-promozzjoni ta' dan is-settur u l-potenzjal, l-opportunitajiet, u l-benefiċċji li jġib miegħu. Ta' min jgħid li biex din il-ħidma ssir aħjar, il-Kummissjoni Ewropea waqqfet grupp ta' Ambaxxaturi mill-Istati Membri, biex ikun

*Ritratt ta' fuq: Prodotti lokali magħmulin minn frott u ħxejjex organiċi*


L-Ambaxxatriċi għall-Ikel Organiku u Sostenibbli, is-Sinjura Sonya Sammut

jista' jsir skambju ta' ideat u prattiċi tajba. Huwa l-pjaċir tiegħi li nattendi dawn il-laqgħat darba kull tliet xhur, biex nisma' u nitgħallem mill-istejjer tal-oħrajn.

F'dawn l-ewwel xhur mill-ħatra tiegħi f'Mejju tas-sena li għaddiet, il-qofol tal-ħidma tiegħi jibqa' l-pjan nazzjonali t'azzjoni għall-produzzjoni organika. L-abbozz ta' dan il-pjan mistenni jkun lest sal-aħħar ta' Marzu ta' din is-sena, biex minn hemm inkunu nistgħu nifitħu d-diskussjoni u l-konsultazzjoni mal-pubbliku b'mod iktar wiesgħa. Huwa maħsub li dan il-pjan jiġbor diversi miżuri li jgħinu biex issir il-bidla għall-produzzjoni organika, bl-għan li nibnu ekosistema madwar il-produttur, speċjalment il-bdiewa żgħażagħ permezz ta' taħriġ, fondi, u proċeduri amministrattivi iktar sempliċi; li noħolqu l-istrutturi neċessarji sabiex il-Gvern imexxi b'eżempju f'dan il-qasam, anke fl-isfond tal-iżviluppi li huma ppjanati għas-sentejn li ġejjin, fosthom il-Pitkalija l-ġdida, is-Suq tal-Bdiewa, u l-awtorità għall-ikel; u li nsaħħu u noħolqu swieq ġodda għall-bejgħ tal-ikel organiku, fosthom b'kollaborazzjoni ma' entitajiet oħra bħalma hija l-Awtorità Maltija Għat-Turiżmu.

Bħalma għidt fid-diskors tiegħi fl-okkażjoni tal-ħatra, nemmen li filwaqt li napprezzaw li l-produzzjoni organika hija waħda mill-iktar sistemi sostennibbli ta' kif jiġi prodott l-ikel, xejn minn dan ma jkun possibbli jekk din ma tkunx ukoll vijabbli u mibnija fuq mudell ta' negozju li jħalli profitt xieraq. Huwa għalhekk li qed naħdem ma' dawk kollha li għandhom interess f'dan is-settur. Filwaqt li jien konxja mid-diffikultajiet, konvinta wkoll li bħalma diġà għandna produtturi li huma ċċertifikati, nistgħu nieħdu din l-opportunità biex ikollna iktar ikel organiku u ta' Malta.

Sabiex tikseb iktar informazzjoni jew tagħmel kuntatt miegħi, ċempel fuq 2292 4927, ibgħat email fuq ambassador.food@gov.mt, jew segwi l-Paġna ta' Facebook Ambassador for Organic & Sustainable Food.


Kaxxi tan-naħal Malti mrobbi f'għelieqi organiċi



# FTEHIM BEJN IL-BIĊĊERIJA PUBBLIKA TA' MALTA U Ċ-ĊENTRU GĦALL-KLASSIFIKAZZJONI TAL-KARKASSI FL-UNIVERSITÀ TA' GHENT FIL-BELĠJU

Iċ-Ċentru għall-Klassifikazzjoni tal-Karkassi fl-Università ta' Ghent fil-Belġju qed jgħin lill-Biċċerija Pubblika biex ittejjeb il-mod kif jiġi kklassifikat il-laħam f'Malta skont l-aħjar prattiċi Ewropej.

Dan wara li f'Settembru li għadda kien iffirmat ftehim ta' kollaborazzjoni bejn il-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali u ċ-Ċentru għall-Klassifikazzjoni tal-Karkassi fl-Università ta' Ghent fil-Belġju.

Waqt l-iffirmar ta' dan il-ftehim, il-Ministru responsabbli mill-agrikoltura, l-Onorevoli Anton Refalo, spjega li l-ftehim jifforma parti mill-ħidma tal-Ministeru biex ikompli jwettaq il-wegħdiet elettorali biex tiżdied l-effiċjenza fil-Biċċerija u titjieb il-profittabbiltà tar-raħħala tagħna, waqt li jiġu identifikati u sfruttati opportunitajiet fis-setturi tal-biedja u s-sajd li jmorru lil hinn mill-prodott innifsu u li jistgħu jagħmlu dawn l-industriji aktar attraenti u finanzjarjament vijabbli.

Bħala parti mit-twettiq ta' dan il-ftehim, f'Novembru li għadda, żewġ esperti Belġjani taw kors ta' taħriġ ta' erbat ijiem lill-impjegati tal-Biċċerija Pubblika dwar il-klassifikazzjoni taċ-ċanga.

L-impjegati li temmew il-kors b'suċċess ingħataw liċenzja bħala klassifikaturi kkwalifikati għall-klassifikazzjoni viżiva tal-karkassi skont ir-Regolament tal-Unjoni Ewropea 2017/1182 dwar l-iskali tal-Unjoni għall-klassifikazzjoni ta' karkassi taċ-ċanga, tal-majjal u tan-nagħaġ u dwar ir-rapportar tal-prezzijiet tas-suq ta' ċerti kategoriji ta' karkassi u annimali ħajjin.

Iċ-Ċentru għall-Klassifikazzjoni tal-Karkassi għen ukoll lill-Biċċerija Pubblika biex tagħmel analiżi dettaljata tat-tagħmir awtomatiku għall-klassifikazzjoni tal-majjal approvati għall-użu fl-Unjoni Ewropea. Dan l-istudju ppermetta l-identifikazzjoni tal-aħjar apparat għal Malta fid-dawl tan-numru u d-daqs tal-majjal lokali. Bdiet ukoll il-ħidma biex Malta tistabbilixxi protokoll nazzjonali dwar it-test ta' awtorizzazzjoni ta' sistema awtomatika għall-gradazzjoni tal-karkassi tal-majjal.

Din se tkun l-ewwel darba li Malta se jkollha din l-awtorizzazzjoni tal-unjoni Ewropea, li tippermetti li l-majjal lokali jiġi kklassifikat skont parametri nazzjonali applikabbli għar-realtà ta' produzzjoni lokali.

Iċ-Ċentru għall-Klassifikazzjoni tal-Karkassi fl-Università ta' Ghent huwa entità ewlenija fil-Belġju fejn tidħol il-klassifikazzjoni tal-bhejjem. Minbarra li twettaq riċerka fuq dan is-suġġett, tikkollabora mill-qrib u tagħti sapport tekniku u xjentifiku lid-Dipartiment tal-Agrikoltura u s-Sajd tal-Gvern Fjamming, l-Interprofessional Association for Belgian Meat (IVB) u entitajiet privati.

Fl-Unjoni Ewropea l-laħam jiġi kklassifikat skont sistema msejħa S.E.U.R.O.P. skont il-kwalità, l-għamla, u l-ammont ta' laħam dejf u xaħam li jkollha l-karkassa. L-ittra 'S' tindika laħam ta' kwalità superjuri waqt li l-ittra 'P' tindika laħam minn bhejjem aktarx nixfin, jew b'karatteristiċi inqas mixtieqa. Fil-każ taċ-ċanga, dawn l-ittri jkunu akkumpanjati minn numru li jindika l-ammont ta' xaħam fejn il-'1' jindika ftit xaħam waqt li l-'5' jindika livell għoli ta' xaħam.






# EMP 605: INNIEDU KONSULTAZZJONI WIESGĦA MAS-SAJJIEDA

*Kitba ta' Matthew Laspina, Maniġer 1*
*u Jean Paul Schembri, Assistent Maniġer fid-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura*

Is-settur tas-sajd fil-gżejjer Maltin huwa wieħed varjat, b'diversi dimensjonijiet bijoloġiċi, soċjo-ekonomiċi, kulturali u turistiċi. Għalkemm is-settur Malti u Għawdxi huwa wieħed żgħir ikkumparat mas-settur tas-sajd Ewropew, is-sajjieda lokali għandhom rwol importanti ħafna peress li dan is-settur huwa sors ta' nutrizzjoni. Huwa ferm importanti li l-konsumatur japprezza l-kontribuzzjonijiet li jagħtu s-sajjieda lokali biex jaċċertaw l-għejxien tal-komunitajiet tas-sajd u s-sigurtà tal-ikel. Irridu nifhmu li s-sajjieda lokali jqattgħu sigħat u ġranet twal fuq il-baħar biex jaqbdu l-qabda tagħhom, jipprovdulna sors ta' ikel bnin, biex jissalvagwardjaw l-għejxien tagħhom u jkunu jistgħu jtawlu l-ħajja tas-sajd tradizzjonali fil-gżejjer Maltin u Għawdxin.

Is-sajd Malti u Għawdxi huwa kkunsidrat bħala wieħed li fih jintużaw diversi armar u rkapti differenti tas-sajd, u permezz tagħhom jinqabdu iktar minn 300 speċi ta' ħut permezz tal-użu ta' madwar 1000 bastiment ġewwa xtutna. Is-settur tas-sajd juża dawn ir-riżorsi naturali matul is-sena kollha u joffri l-opportunità t'għażla lill-konsumatur. Din il-bijodiversità hija essenzjali biex is-settur tas-sajd ikun b'saħħtu f'termini soċjo-ekonomiċi u biex il-livelli trofiċi tal-baħar jibqgħu jaħdmu u jissodisfaw l-irwol tagħhom.

Bħala parti mill-manifest elettorali EMP 605, "Inniedu konsultazzjoni wiesgħa mas-sajjieda", id-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura (DFA) flimkien mas-Segretarjat tas-Sajd, Akkwakultura u d-Drittijiet tal-Annimali qiegħed jagħti prijorità kemm lil din il-bijodiversità tal-ibħra tagħna, kif ukoll lis-sajjieda lokali, sabiex titfassal l-Istrateġija Nazzjonali tas-Sajd. Dawn il-konsultazzjonijiet tħabbru permezz ta' konferenza stampa fil-21 ta' Novembru 2022. Il-laqgħat bdew fit-28 ta' Novembru 2022 u ser jispiċċaw fil-15 ta' Mejju 2023 u qed jiġu organizzati ġor-Razzett l-Antik, l-Għammieri, Ħal Luqa, kif ukoll ġewwa l-Government Farm, Main Hall, Għawdex.

Peress li s-sajjieda jużaw armar u rkapti differenti matul is-sena u l-qabda hija waħda varjata, id-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura (DFA) qed jorganizza numru ta' laqgħat (bejn wieħed u ieħor 43 laqgħa) ta' konsultazzjoni mas-sajjieda.

Dawn il-laqgħat ser isiru għal dawn l-iskopijiet imsemmijin hawn taħt:

- biex tiġi riveduta l-leġiżlazzjoni lokali attwali dwar is-sajd.
- biex is-sajjieda jiġu kkonsultati u biex magħhom jinħoloq ambjent ta' diskussjoni professjonali u lokali.
- biex jiġu esplorati metodoloġiji ġodda sabiex tissaħħaħ l-edukazzjoni fuq is-settur tas-sajd.
- biex titfassal l-Istrateġija Nazzjonali tas-Sajd, bl-għan li ninċentivaw lis-sajjieda lokali u nkomplu nibnu r-relazzjoni professjonali bejn is-sajjieda u d-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura.
- biex l-istrateġija tindirizza u titfassal b'mod parallel mal-ħidma li qed issir fuq livell Ewropew.

Dawn il-laqgħat qed isiru biex jaċċertaw is-sostenibbiltà tas-settur. Din hija wkoll il-missjoni tad-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura sabiex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tal-ispeċi tal-ħut fl-ibħra lokali u jiġu indirizzati r-rekwiżiti tal-partijiet ikkonċernati li jaħdmu b'mod dirett fis-settur tas-sajd. B'hekk, permezz ta' dawn il-konsultazzjonijiet, ser ngħaqqdu l-għarfien tradizzjonali u ekoloġiku tas-sajjieda, kif ukoll l-għarfien xjentifiku u ekonomiku tad-Dipartiment tas-Sajd biex nassiguraw li l-qafas legali li jirregola s-sajd f'pajjiżna jippromovi futur u sostenibbiltà għas-sajjieda Maltin u Għawdxin.

Għal aktar informazzjoni wieħed jista' jċempel fuq 2292 6876 jew 2292 6861.




*Ritratt ta' Kian Bugeja - DOI*

# Nagħaġ u ħrief

fi ħdan is-Sezzjoni ta-Trobbija tal-Annimali ġewwa L-Agriculture and Innovation Hub tal-Ghammieri, Marsa, Malta.



*Ritratt ta' meħud minn Neville Sultana*


Nisġet artna
ĦARĠA NUMRU 33 - REBBIEGĦA 2023



# IL-BAGĦAL TAŻ-ŻUNŻAN – *VESPA ORIENTALIS*

*Kitba ta' Darren Borġ*
*Uffiċjal Kap Agrikolu, Dipartiment għall-Affarijiet Rurali*

Il-bagħal taż-żunżan ġej mill-familja *Vespidae* u hu speċi ta' insett li jgħix fi struttura soċjali; jiġifieri f'bejta ta' diversi individwi. Dan l-insett jintgħaraf peress li għandu kulur kannelli-ħamrani b'faxxa safra wiesgħa fuq żaqqu u marki sofor oħra ma' rasu u jilħaq faċilment id-dimensjoni ta' 25mm jew iktar. Hu insett ta' komportament aggressiv ħafna u faċilment juża x-xedaq b'saħħtu li għandu biex jigdem meta jħossu provokat. In-nisa jġorru wkoll xewka fit-tarf ta' żaqqhom li biha jagħtu tingiża b'saħħitha ħafna. Il-velenu tax-xewka tal-bagħal taż-żunżan joħloq uġigħ kbir li jdum għal ftit ġranet mhux ħażin. Ir-reġina tintgħaraf permezz tal-qies tagħha (akbar mill-bagħal l-ieħor), u permezz tal-marki differenti li jkollha fuq il-faxx isfar ta' żaqqha. Fenomenu ieħor interessanti ferm fuq dan l-insett hu l-fatt li l-bagħal taż-żunżan kapaċi juża l-enerġija solari bħala sors ieħor ta' enerġija alternattiva.

Għalkemm il-bagħal taż-żunżan hu indiġenu għall-gżejjer Maltin, fil-passat dan l-insett kien skars ħafna, tant li anki dawk li huma midħla tal-kampanja xorta waħda bilkemm kienu jafu bl-eżistenza tiegħu. Madanakollu, madwar 10 snin ilu, b'similarità mal-bqija tal-Mediterran kollu, dan l-insett beda jsir dejjem iktar komuni u llum il-ġurnata tant reġa' żdied li sar thedida kbira għall-apikultura kif wkoll ta' periklu għall-umani u l-annimali żgħar tat-trobbija. Ir-raġunijiet eżatt għala ġiet din iż-żieda għadha mhix magħrufa, iżda waħda mit-teoriji hi l-andament annwali taż-żieda fit-temperaturi tar-reġjun permezz tal-effett tat-tibdil fil-klima. Tajjeb li ngħidu, li dan l-aħħar snin, apparti li reġa' żdied ħafna fl-ambjent naturali tiegħu, dan l-insett qed jinstab ukoll fi mkejjen oħra tad-dinja bħall-Amerika t'Isfel fejn mhux nattiv.

Iċ-ċiklu tal-insett jibda minn reġina fertili li tkun raqdet xitwa u reġgħet qamet malli t-temp jibda jisħon fil-bidu tar-rebbiegħa. Malli tqum ir-reġina tibda tirgħa fuq in-naħal u fuq sorsi oħra tal-ikel u tibda bejta ġdida kompletament weħidha. Ir-reġina tibda tbid f'din il-bejta u sa ma l-popolazzjoni tal-bejta tilħaq madwar 30 individwu, ir-reġina tibqa' tirgħa barra filwaqt li tbid u trawwem liż-żgħar tagħha. Meta l-kolonja taqbeż it-30 individwu, ir-reġina tieqaf toħroġ barra biex tirgħa u tikkonċentra biss fuq il-bajd tal-bejta. Meta jiġri hekk, il-bejta tikber b'mod konsiderevoli u faċilment taqbeż l-1000 individwu. Il-bejtiet normalment ikunu fl-urban f'postijiet imkennija bħal djar mitluqin,

ventilaturi miftuħin, u l-bqija. Rarament, il-bejta tkun ukoll taħt l-art fil-ħamrija, fejn tali bejta hi ta' riskju kbir jew xi ħadd ikun qed jaħdem l-għalqa u bi żball jgħaddi minn fuqha.

Lejn l-aħħar tas-sajf, l-istess reġina tibda tbid bajd li jiżviluppa fi rġejjen oħra u bgħula (irġiel), fejn dawn l-irġejjen, wara li jitgħammru, ifittxu kenn tul ix-xitwa u hekk kif tasal ir-rebbiegħa jibdew ċikli ġodda individwalment. Hu maħsub li minn kull kolonja, ir-reġina tbid madwar 30 reġina ġdida.

Id-dieta tal-bagħal taż-żunżan tikkonsisti f'diversi sorsi ta' ikel, fosthom nektar mill-fjuri, frott u insetti żgħar iżda l-preferenza tiegħu hi n-naħla tal-għasel. Sfortunatament, permezz ta' attakki kontinwi tul is-sajf, il-bagħal taż-żunżan jagħmel danni kbar fuq il-kolonji u saħansitra jġib il-qerda tal-kolonja kollha tan-naħal. Il-ħsara li jġib il-bagħal taż-żunżan tmur lil hinn minn sempliċement il-qtil kontinwu tan-naħal peress li l-preżenza ta' dan l-insett hi wkoll kawża ta':

1. ġarr ta' mard tan-naħal minn kolonja għal oħra;
2. stress kbir lill-kolonji tar-raħal, anki jekk ixommu l-preżenża tagħhom jew li qegħdin fil-viċinanzi;
3. kolonji bil-ġuħ peress li meta jkun hemm attakki qawwija n-naħal jieqaf joħroġ mill-kaxxa biex jirgħa u jispiċċa jiekol l-iskorti kollha sakemm imut bil-ġuħ.

Dan kollu qed ipoġġi f'sogru mhux biss l-apikoltura, iżda l-agrikoltura kollha li tiddependi fuq id-dakra tan-naħal. Għaldaqstant hu importanti li kulħadd jagħti sehmu sabiex dan l-insett jiġi mrażżan kemm jista' jkun sabiex dawn id-danni jiġu limitati. Hu rakkomandat li n-naħħala jużaw nases apposta biex fir-rebbiegħa u l-ħarifa jaqbdu l-irġejjen li jkunu qed iżurulhom l-imġiebaħ peress li għal kull reġina li tinqabad, tiġi evitata kolonja sħiħa milli tiżviluppa.

Min-naħa tal-pubbliku, importanti li:

1. ma jħallix skart organiku espost peress li dan iservi ta' sors nutrittiv għall-bagħal taż-żunżan;
2. ma jħallix ikel tal-qtates espost (speċjalment l-ikel umdu) peress li dan iservi ta' sors nutrittiv għal bagħal taż-żunżan u jkompli jsaħħaħ il-bejtiet;
4. jieħu ħsieb jikkuntattja professjonisti sabiex ineħħulu l-bejtiet tal-bagħal taż-żunżan li jista' jkollu fil-proprjetà tiegħu;
5. jgħin billi jużа nases li huma mmirati speċifikament għall-bagħal taż-żunżan.



*Ritratt ta' Erik Karits minn Pixabay*

# MED-WET: PROĠETT DWAR SISTEMI TAL-IRRIGAZZJONI EFFIĊJENTI U SOSTENIBBLI

*Kitba ta' Francesca Busuttil u Sarah Camilleri*
*Riċerkaturi fl-MCAST*

L-ilma huwa riżorsa limitata fil-pajjiżi tal-Mediterran, soġġett għall-pressjoni minn diversi setturi, fosthom dawk kummerċjali u agrikulturali. Barra minn hekk, id-domanda għall-ilma qed tkompli tikber minħabba ż-żieda fil-popolazzjoni, il-bidla fil-klima u l-influss ta' turisti fis-sajf. Dawn huma sfidi kbar għall-agrikoltura lokali, li hija l-konsumatur ewlieni tal-ilma, u għaldaqstant, jeħtieġ li ntejbu l-prattiċi tal-irrigazzjoni fil-biedja billi ninvestu f'teknoloġiji iktar effiċjenti u sostenibbli.

Il-proġett *Improving Mediterranean irrigation and Water supply for smallholder farmers by providing Efficient, low cost and nature-based Technologies and practices (MED-WET)*, ser ikun qed jevalwa metodi ġodda li jtejbu l-effiċjenza tal-irrigazzjoni u l-użu tal-ilma, fil-biedja fuq skala żgħira fir-reġjun tal-Mediterran. Biex jintlaħaq dan l-għan, il-proġett se jiffoka fuq diversi aspetti, fosthom:

1. l-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda ta' irrigazzjoni li humu applikabbli fil-biedja ta' skala żgħira, permezz ta' proġetti pilota;
2. il-provediment ta' taħriġ għall-bdiewa rigward l-installazzjoni u l-użu ta' dawn it-teknoloġiji;
3. l-evalwazzjoni taż-żieda fid-disponibbiltà tal-ilma u l-profittabiltà tal-prodott agrikolu permezz ta' dawn it-teknoloġiji;
4. l-involviment tal-awtoritajiet, NGOs u kumpaniji privati fid-diskussjoni dwar ostakli istituzzjonali, regolatorji u politiċi fejn jidħol l-użu tal-ilma fl-agrikoltura.

Permezz ta' dan il-proġett, ser jiġu esplorati tliet teknoloġiji ġodda. L-ewwel teknoloġija – *Self-regulating, Low Energy, Clay based Irrigation (SLECI)* – tikkonsisti minn pajpijiet tal-fuħħar impoġġija ġol-ħamrija, irregolati skont il-kundizzjoni ta' nixfa tal-ħamrija. Din it-teknoloġija qed tiġi implimentata għat-tisqija ta' siġar taċ-ċitru, tat-tamal, taż-żebbuġ u tad-dwieli f'diversi siti fil-Mediterran, inklużi f'siti pilota f'Għawdex (fl-Għarb, ix-Xagħra u x-Xewkija), il-Marokk u l-Portugall. It-tieni teknoloġija ttestjata f'Għawdex, tikkonsisti minn sistema ta' desalinizzazzjoni permezz ta' enerġija solari, kif ukoll mill-użu ta' ilma kkondensat f'serer. Apparti minn hekk ser tiġi ttestjata l-irrigazzjoni permezz ta' ilma salmastru għall-kultivazzjoni ta' pjanti u frott b'ċerta tolleranza għall-melħ. L-aħħar teknoloġija, ittestjata fl-Eġittu, tinvolvi l-ipproċessar tal-ilma tad-dranaġġ għall-użu fl-irrigazzjoni permezz ta' *reconstructed wetlands.*

Il-proġett MED-WET huwa mmexxi minn konsorzju ta' msieħba illi jinkludu l-MCAST (*Malta College of Arts, Science and Technology*), id-Direttorat tal-EcoGozo fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex, kif ukoll sitt imsieħba oħra mill-Ġermanja, l-Eġittu, il-Marokk u l-Portugall. Il-proġett tnieda f'Novembru 2021 u jtul tliet snin. MED-WET huwa ffinanzjat 100% mill-Kunsill Malti għax-Xjenza u t-Teknoloġija (MCST) permezz tal-inizjattiva PRIMA (*Partnership on Research and Innovation in the Mediterranean Area*), programm appoġġjat mill-Unjoni Ewropea.



The PRIMA programme is supported and funded under Horizon 2020, the Framework European Union's Programme for Research and Innovation





# IL-PROĠETT AGRIHUB IVARA LINJI GWIDA TAL-ĠESTJONI INTEGRATA TAL-PESTI

*Kitba ta' Claire Cauchi*
*Uffiċjal Kap Agrikolu, Dipartiment tal-Affarijiet Rurali*

Id-Direttorat tal-Agrikoltura, permezz tal-AgriHub, organizza seminar fejn flimkien ma' esperti fil-fenoloġija minn CIHEAM, wassalna informazzjoni dwar ir-riżultati li ħarġu s'issa minn dan il-proġett u ppubblikajna għall-ewwel darba f'pajjiżna sett ta' linji gwida ta' *Integrated Pest Management* (IPM) relatati mal-ħames uċuħ li għandhom l-akbar valur ekonomiku fis-settur agrikolu; it-tadam, il-patata, iż-żebbuġ, l-għeneb tal-għasir u tal-mejda u l-frawli. Permezz ta' dawn il-linji gwida, kemm bdiewa t'esperjenza, kif ukoll bdiewa li għadhom qed jibdew jaħdmu fi ħdan is-settur se jkollhom f'idejhom l-informazzjoni attwali ta' kif l-aħjar jipproteġu l-prodotti tagħhom.

L-għan ta' dawn il-linji gwida hu li jintużaw bħala għodda u punt ta' referenza biex jgħinu lill-bdiewa jimmaniġġjaw il-pesti billi jkunu sostenibbli kemm jista' jkun, iħeġġuhom jużaw ammont aktar baxx ta' pestiċidi għall-ġestjoni tal-pesti, jgħinu lill-bdiewa jifhmu aħjar il-prodott li jkunu qed jużaw u ż-żmien adattat biex jiġi applikat. Dawn il-metodi ta' kontroll, apparti li huma ta' benefiċċju għall-bdiewa, iħallu impatt minimu fuq l-ambjent. Il-prinċipju bażiku tagħhom huwa li jipprovdi l-aħjar taħlita ta' miżuri ta' kontroll kulturali, bijoloġiċi u kimiċi biex jimmaniġġjaw il-pesti u l-mard fuq l-uċuħ tar-raba' tagħhom filwaqt li jkun ukoll l-aħjar alternattiva finanzjarjament fattibbli, favur l-ambjent u soċjalment aċċettabbli. Dawn il-linji gwida mhux biss se jkunu ta' benefiċċju għall-biedja konvenzjonali iżda wkoll se jkunu ta' benefiċċju għas-settur lokali tal-biedja organika.

Il-prinċipju bażiku tal-Ġestjoni Integrata tal-Pesti huwa li tiġi żviluppata strateġija ta' kontroll tal-pesti li tqis il-prattiċi u l-metodi ta' kontroll rilevanti kollha ġewwa pajjiżna. Dawn il-linji gwida se jkunu qed ikopru l-pesti ewlenin ta' 29 wiċċ tar-raba' differenti u siġar tal-frott li huma l-aktar komuni fil-Gżejjer Maltin. Id-Direttorat tal-Agrikoltura qed ifittex li jindirizza din il-kwistjoni u jistinka biex jipprovdi din l-informazzjoni lill-bdiewa  permezz ta' seminars, taħriġ u linji gwida ppubblikati f'kotba li jipprovdu deskrizzjoni bir-reqqa tal-pesti u l-mard u metodi differenti ta' kontroll.

L-għan tagħna huwa li nimxu pass 'il quddiem minn dawn il-linji gwida, nippromovu aktar l-użu sostenibbli ta' PPP's u niggwidaw lill-bdiewa biex jintervjenu permezz tal-intelliġenza artifiċjali u l-mudelli ta' tbassir. Fl-aħħar mill-aħħar il-konsumatur se jibbenefika minn għażla aktar bnina ta' frott u ħaxix lokali.

Id-Direttorat huwa konxju tal-varjetà limitata ta' PPP's disponibbli fis-suq meta mqabbla mal-pajjiżi ġirien tagħna. Dawn il-linji gwida se jelenkaw ukoll ingredjenti attivi li mhumiex irreġistrati lokalment. Madankollu, organizzazzjonijiet tal-bdiewa/produtturi, koperattivi u entitajiet kummerċjali jistgħu japplikaw għall-awtorizzazzjoni ta' dawn il-prodotti u jistgħu jibdew jimportaw dawn il-prodotti permezz ta' proċess iffaċilitat fi ħdan id-Direttorat tal-Agrikoltura u l-MCCAA.

Sabiex wieħed jaċċessa l-ewwel sett ta' dawn il-linji gwida, jista' jidħol fis-sit elettroniku tal-agrikoltura https://agrikoltura.gov.mt/en/agricultural_directorate/Pages/agrihub.aspx.

Sabiex wieħed jibqa' wkoll aġġornat fuq il-proġett AgriHub jista' jsibna fuq il-paġna ta' Facebook – Agriculture Research and Innovation Hub jew inkella fuq Instagram – agrihubmt.




# L-IMPENN TAD-DIPARTIMENT TAS-SAĦĦA U T-TRATTAMENT XIERAQ TAL-ANNIMALI KONTRA R-REŻISTENZA GĦALL-ANTIMIKROBIĊI

*Kitba ta' Stephen Spiteri*
*Spiżjar Prinċipali Anzjan*
*Dipartiment għas-Saħħa u t-Trattament Xieraq tal-Annimali*

Ir-Reżistenza għall-Antimikrobiċi (AMR) qajmet tħassib mad-dinja kollha. Batterji li qabel kienu jinqatlu mill-antimikrobiċi żviluppaw reżistenza għalihom. Ħafna antimikrobiċi, jew saru inqas effettivi, jew ma baqgħu effettivi xejn. Dan ifisser li l-mard fil-bniedem u fl-annimali qed isir diffiċli biex jitfejjaq.

Il-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali u l-Ministeru għas-Saħħa qed jimplimentaw flimkien strateġija u pjan ta' azzjoni biex inaqqsu l-inċidenza tar-Reżistenza għall-Antimikrobiċi li qiegħda tkopri tmien snin (2020-2028). L-ebda Dipartiment ma jista' jidħol għal dan l-impenn waħdu. Is-saħħa tal-annimali, is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent huma marbuta mill-qrib. X'jaffettwa lil wieħed, jaffettwa lill-ieħor. Dan huwa l-prinċipju ta' *One Health* li hu mħaddan globalment.

Hemm ħafna sfidi f'dan l-impenn, bħal pereżempju r-reżistenza għall-bidla, il-bidliet kulturali, in-nuqqas ta' disponibbiltà ta' antimikrobiċi, u d-diffikultà biex tiġi spjegata din il-problema lill-pubbliku ġenerali minħabba li din hija waħda siekta iżda insidjuża. Xi kultant insejħu dil-problema bħala 'l-pandemija l-ġdida'. Ġie kkalkulat li fl-Ewropa din toqtol kull ġimgħa, l-ekwivalenti ta' numru ta' nies fuq ajruplan Jambo li ġġarraf.

F'dan l-artiklu qed insemmu ftit mill-proġetti li għaddejjin bħalissa li jindirizzaw din il-problema.

**Leġiżlazzjoni**: A.L 179/2021 huwa avviż legali li ġie ppubblikat fit-23 ta' April 2021. Dan fih għadd ta' dispożizzjonijiet relatati mal-użu prudenti tal-antimikrobiċi. Dan l-avviż legali emenda L.S 437.47 dwar Prodott Mediċinali Veterinarju. Dispożizzjoni importanti f'din il-liġi hija r-rekwiżit ta' Programm tas-Saħħa tal-Annimali, fil-postijiet fejn jinżammu l-annimali. Dan għandu jkun taħt ir-responsabbiltà ta' professjonist veterinarju. It-titjib mill-aspett regolatorju huwa mistenni li jagħmel is-settur aktar attraenti għal dawn il-professjonisti veterinarji.

Fit-28 ta' Diċembru 2022, daħlet fis-seħħ verżjoni aġġornata tal-Kapitlu 437 (Att dwar is-Servizzi Veterinarji). Minbarra li ngħataw aktar setgħat ta' infurzar lill-awtoritajiet, dawn l-emendi se jippermettu li jsiru aktar liġijiet. Dawn jinkludu liġijiet dwar ir-riċetta veterinarja, għalf medikat, spiżeriji veterinarji, u distribuzzjoni u bejgħ ta' antimikrobiċi.

Ħaġa importanti ħafna li qed jagħmel id-Dipartiment hija l-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2019/6 dwar Prodotti Mediċinali Veterinarji u r-Regolament (UE) 2019/4 dwar l-Għalf Medikat. Dawn iż-żewġ Regolamenti għandhom numru kbir ta' dispożizzjonijiet relatati mal-użu prudenti tal-antimikrobiċi.

**Riċetta Veterinarja Elettronika**: Riċetta veterinarja elettronika bdiet topera f'Novembru 2021. It-tnedija tagħha qed issir b'pass meqjus peress li dan huwa kunċett innovattiv li jeħtieġ taħriġ u żmien sakemm jindara. Din tinkludi l-użu ta' dokumenti elettroniċi dwar is-saħħa tal-annimali, bħalma huma l-iskedi tat-tilqim. Ir-riċetta veterinarja elettronika toffri għajnuna lill-utenti tagħha biex jorganizzaw ir-rekords tagħhom u tiżgura wkoll monitoraġġ aktar effettiv ta' liema mediċini qed jiġu użati fl-annimali u l-kwantitajiet tagħhom.

***Stewardship***: Qed jiġu ppubblikati diversi linji gwida bbażati fuq l-aħħar

rakkomandazzjonijiet tal-UE dwar l-aħjar skedi ta' trattament, fuq miżuri ta' bijosigurtà, rimi ta' mediċini u prattiki tajbin tal-preskrizzjoni. Linji gwidi dwar il-leġiżlazzjoni jiġu ppubblikati ftit wara ħruġ ta' liġi. Fuljetti sbieħ li jispjegaw kunċetti kumplessi f'termini sempliċi jitqassmu lill-partijiet interessati waqt spezzjonijiet uffiċjali jew avvenimenti oħra.

F'wieħed minn dawn il-fuljetti ġie introdott il-karattru tal-Kirurgu Veterinarju. Dan il-karattru issa qed jintuża f'varjetà ta' okkażjonijiet sabiex in-nies isiru familjari miegħu.

Merkanzija (weight tapes, pen drives) b'messaġġi relatati ma' użu prudenti ta' antimikrobiċi jitqassmu waqt diversi avvenimenti. Newsletters jew messaġġi bil-posta elettronika lill-uffiċjali pubbliċi spiss jintbagħtu fi żminijiet magħżula, eż. matul il-ġimgħa tal-antibijotiċi f'kull Novembru.

**Estensjoni tal-Laboratorju Veterinarju Nazzjonali**: Għaddej proġett għall-estensjoni tal-bini tal-laboratorju Veterinarju Nazzjonali. L-għan huwa li jiġu stabbiliti servizzi dijanjostiċi u testijiet ta' sensittività. Dawn it-testijiet isiru disponibbli għall-partijiet lokali interessati, anke għall-prattika privata tagħhom. Huwa ppjanat ukoll li jiġi estiż il-programm ta' monitoraġġ tar-reżistenza antimikrobika attwali.

**Rimi sikur ta' antimikrobiċi**: Ġiet żviluppata sistema għar-rimi sikur ta' antimikrobiċi fil-komunità. Ġew ipprovduti kontenituri tal-iskart għall-prodotti mediċinali veterinarji skaduti jew mhux użati lill-ispiżeriji veterinarji. Il-kontenut li jinġabar jintrema b'mod xieraq mill-aġenzija Wasteserve ħalli ma jinħoloq l-ebda periklu għas-saħħa jew għall-ambjent.

**Kollaborazzjoni mal-partijiet interessati**: Il-kollaborazzjoni hija proċess essenzjali u kontinwu. Il-kollaborazzjoni mal-koperattivi tal-bdiewa u l-għaqdiet tal-kirurgi veterinarji (kemm lokali kif ukoll tal-UE) irriżultat f'numru ta' sessjonijiet edukattivi u ġie anke ppubblikat materjal edukattiv. Malta tipparteċipa fil-ġbir ta' informazzjoni tal-bejgħ tal-antimikrobiċi tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (WOAH) u tal-Kummissjoni tal-UE.

Seminars għall-kirurgi veterinarji, negozjanti bl-ingrossa u spiżjara jsiru organizzati minn żmien għal żmien. It-temi jvarjaw iżda dejjem issir enfasi fuq l-importanza ta' preskrizzjoni u tqassim tajjeb tal-mediċina.

**Sorveljanza**: Il-kollaborazzjoni bejn sezzjonijiet differenti tal-awtorità regolatorja intensifikat. Dan juża wkoll ir-riżorsi limitati bl-aħjar mod possibbli. L-ispezzjonijiet żdiedu u se jintensifikaw.

**Applikazzjonijiet għall-kummerċ lokali tal-antimikrobiċi**: Il-valutazzjonijiet tal-applikazzjoni għall-antimikrobiċi qed isiru fid-dawl tar-rekwiżiti leġiżlattivi l-ġodda. Ħafna applikazzjonijiet qed jiġu rrifjutati filwaqt li ċerti prodotti mediċinali veterinarji li fihom kombinazzjonijiet inaċċettabbli ta' antimikrobiċi tneħħew mis-suq.

**Kampanji ta' taħriġ, edukazzjoni u għarfien**: Qed isiru lezzjonijiet lil studenti f'dan is-settur kif ukoll lill-kirurgi veterinarji u spiżjara jingħataw fuq bażi regolari, għalkemm is-suġġett tar-reżistenza antimikrobika għadu ma jidhirx biżżejjed fil-kurrikuli u d-Dipartiment qiegħed iħeġġeġ lill-istituzzjonijiet edukattivi biex jagħmlu dan. Ċirkolari uffiċjali jinħarġu regolarment. Uffiċjali mid-Dipartiment jipparteċipaw regolarment fuq programmi televiżivi u tar-radju. Xi drabi dawn isiru flimkien mar-rappreżentanti tas-saħħa tal-bniedem fl-ispirtu tal-One Health. Diversi artikli dwar ir-reżistenza għall-antimikrobiċi ġew miktuba fuq rivisti popolari.

Sakemm huwa possibbli, kull opportunità qed tittieħed biex titqajjem kuxjenza fuq din il-problema. Għalhekk issir parteċipazzjoni regolari fil-fieri agrikoli u anke avvenimenti għat-tfal.

Ir-Reżistenza għall-Antimikrobiċi hija sfida globali li rridu nindirizzawha kollettivament b'soluzzjonijiet globali. Malta qed taħdem ħafna fuq diversi livelli u fuq bosta fronti biex tiffaċċja l-isfidi. Huwa maħsub li dawn l-isforzi sostanzjali jagħtu l-frott mixtieq ħa jitnaqqsu r-riskji fis-saħħa tal-annimali u tal-bniedem.

Wieħed jista' jsib id-dokumenti msemmija f'dan l-artiklu fuq is-sit elettroniku tad-Dipartiment https://agrikoltura.gov.mt/en/nvl/Pages/sim.aspx.





# INTERVISTA MA'... BJORN CALLUS,

## DIRETTUR ĠENERALI TAD-DIPARTIMENT TAS SAJD U L AKKWAKULTURA

*Kitba ta' Neville Sultana – Maniġer l*
*Taqsima tal-Attivitajiet u l-Promozzjoni*

Illum ingħaqadna mas-Sur Callus sabiex nintroduċuh mal-qarrejja tagħna u xejn xejn tqabblu wiċċ familjari li jirrappreżenta sezzjoni importanti mill-industrija fil-Ministeru tagħna.

1. **X'ġibdek lejn dan il-qasam tax-xogħol?**

Biex ngħid il-verità kollha, mhux jien kont li nġbidt lejn dan il-qasam, imma dan il-qasam ġibed lili. L-isfond tiegħi hu ferm 'il bogħod mis-setturi li għandu dan il-Ministeru, imma fil-karriera tiegħi dejjem ħdimt fil-Biedja u s-Sajd.



Minħabba l-fatt li verament ġej mill-bogħod f'dan is-settur, nemmen li nista' nħares lejh bħala wieħed minn barra, u naħseb li fl-aħħar mill-aħħar dan hu vantaġġ.

2. **Kieku kellek tagħżel karriera oħra, x'kienet tkun? U xorta kienet tkun relatata mas-settur tas-Sajd u l-Akkwakultura?**

Bl-ikbar onestà ma naħsibx li kienet tkun relatata mas-Sajd u l-Akkwakultura, u wisq inqas f'xi settur li jagħmel parti mid-dekasteru ta' dan il-Ministeru. Togħġobni immens l-amministrazzjoni sportiva, kif ukoll taffaxxinani ħafna l-politika speċjalment il-midja u l-ikkampanjar tagħha – kif twassal il-messaġġ li trid twassal. Dan il-fattur jogħġobni immens u kieku kelli nerġa' nibda mill-bidu, naħseb kont niġbed lejn din il-linja.

3. **Liema kien l-aktar mument li ħassejtek kburi bħala Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura?**

Bħala mument partikolari wieħed ta' suċċess żgur nagħżel meta ġejt mgħarraf li l-Kummissjoni għalqet il-proċess ta' *infringement* li kienet fetħet kontra Malta. Imma nħossni kburi kuljum, kull meta nara lill-ħaddiema kuntenti ġejjin ix-xogħol jagħtu s-sehem tagħhom bl-aqwa mod possibbli, u li huma leali lejn il-ħidma tad-Dipartiment.

4. **Hemm xi kurżità dwarek li tixtieq taqsam magħna?**

Naħseb sigriet li hu ftit magħruf ... jien ma nikolx ħut għax la nħobbu, la jogħġobni u lanqas inxommu għax idejjaqni! Però

biex ngħid xi ħaġa żgħira fuqi, inħobb ħafna s-safar, dilettant tal-futbol, tal-festi, u nħobb nirrilassa b'xi ktieb jew film jew serje televiżiva internazzjonali. Nammetti li televiżjoni Maltija ma nara qatt.

### 5. Fejn nistgħu nsibuk meta ma tkunx fuq ix-xogħol?

Din faċli ħafna – Il-Każin tal-Banda – Palazzo Huesca – tas-Soċjetà Mużikali San Lawrenz tal-Belt Vittoriosa, li tagħha jien President.

### 6. Min jispirak?

Ma nħossx li hemm xi ħadd partikolari li nħares lejh u ngħid dan jew din jispirawni, imma bħala persuna li naqra u nsegwi x'inhu jiġri fid-dinja, kif ukoll inħares b'ammirazzjoni lejn persuni ta' suċċess, nemmen li bla ma rrid nibda nixrob ġabra ta' kwalitajiet mingħand firxa wiesgħa ta' nies li nispiċċa nwettaqhom u nipprattikahom fuq il-post tax-xogħol.

### 7. Fejn tara lilek innifsek fi żmien 10 snin?

Nemmen ħafna f'karriera versatili u li ma tibqax fl-istess post, għaldaqstant nista' ngħid fejn naħseb li żgur mhux ser inkun – fid-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura.

### 8. X'jaffaxxinak l-aktar dwar is-settur li tmexxi?

Li kull ġurnata toffri sfida ġdida, li l-partikolarijiet individwali huma varji u ma tistax tapplika approċċ ta' *one size fits all*, u li sabiex dejjem nieħu l-aħjar deċiżjoni ma nista' ninsa qatt il-lat soċjali għax fl-aħħar mill-aħħar qed niddeċiedi fuq il-ħobża ta' kuljum ta' għexieren ta' sajjieda u l-familji tagħhom.

### 9. Kieku kellek iċ-ċans terġa' tibda mill-ġdid, x'tagħmel differenti?

Fl-irwol ta' Direttur Ġenerali nemmen li stajt ħadt deċiżjonijiet iktar qabel bħala żmien. Ovvjament nista' nitkellem hekk b'ħarsa lura ukoll għax wara kulħadd għaref. Ċerti deċiżjonijiet li jirrigwardaw uffiċjali kif ukoll struttura. Apparti minn hekk, nemmen li ċerti proġetti stajt tajthom prijorità fuq oħrajn.

### 10. Kieku hawn sħabek, x'jgħiduli dwarek?

Mistoqsija ftit antipatka imma naħseb li jgħidu li bniedem partikolari ħafna u minkejja li dejjem għaddej f'ħajja mgħaġġla jirnexxili nsib ħin għal





sħabi u l-familja u nkun minn tal-ewwel biex ngħin fi żmien ta' bżonn u diffikultà. Naħseb li jgħidu li jien ftit estrovert, nittama li jgħidu li leader tajjeb u li nipprova nifhem kemm jista' jkun lil kulħadd. Imma min-naħa l-oħra, żgur jgħidu wkoll li meta nkun bin-nervi jżommu 'l bogħod minni għax inkun qisni bomba tal-ħin lesta biex tisplodi!

### 11. B'liema modi int l-istess minn meta kont tfajjel u issa?

Żgur li rasi ftit iebsa, il-konvinzjoni minn dak li nemmen fih, u meta nara logħba futbol; għax sapporter kbir tal-Milan kont, għadni u nibqa'!



### 12. Għal xiex tixtieq tiġi mfakkar?

M'iniex persuna li nfittex il-glorja, imma ma nistax ngħid li ma nkunx kuntent li nibqa' mfakkar bħala d-Direttur Ġenerali li mxejt b'mod ġust, ekwu u rett fid-deċiżjonijiet li ħadt.

### 13. Liema mistoqsijiet isaqsuk ħafna bħala Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura?

Bla dubju:

- kif nista' nirreġistra bastiment MFA, MFB jew MFC? (Meta jkun ovvju li l-liġi ma tippermettix.)
- Kif nista' niffranka xi ħaġa tal-flus mill-*Hardstanding*?
- Hemm xi ċans li l-kwota tat-tonn tiżdied?
- Kif jista' jkolli iktar permessi u awtorizzazzjonijiet?
- Lil min ħa nkellem għall-pontun u/jew għall-mażżra? (Meta dawn m'għandniex x'naqsmu magħhom!)

Grazzi lis-Sur Callus talli ddedika l-ħin tiegħu sabiex jirrispondi xi mistoqsijiet li għamilnielu u grazzi lilkom il-qarrejja li wrejtu interess f'din l-intervista. Niltaqgħu fl-edizzjoni li jmiss ma' Direttur Ġenerali ieħor responsabbli għall-Biċċerija Pubblika, entità li tgħin tgħaqqad il-katina bejn ir-razzett u l-mejda tal-ikel.



# UNITÀ TA' SORVELJANZA

*Kitba ta' Josephine Schembri*
*Kordinatriċi ta' l-Unità ta' Sorveljanza*

Wara t-twaqqif tal-*Malta Food Agency* fl-2021, fit-23 ta' Ġunju tal-2022 ġie mwaqqaf uffiċjalment l-Unità ta' Sorveljanza fi ħdan l-Aġenzija. Tim ta' nies ġew ingaġġati biex jaħdmu fi ħdan din l-Unita'.

L-Unità ta' Sorveljanza qed jaħdem direttament fuq il-Pitkalija, il-Pixkerija, is-Swieq tal-Bdiewa (Farmers' Market) f' Ta' Qali u l-Birgu, u fuq l-implimentazzjoni tal-Istandards tal-kummerċjalizzazzjoni għas-setturi tal-frott u l-ħaxix frisk. Barra minn hekk, matul is-sena 2022 twettaq u kompla x-xogħol fuq il-miżura tal-baġit għas-sena 2022 biex jiġi msaħħaħ il-kontroll u l-infurzar fuq il-prodott agrikolu.

L-ewwel pass kien li titwaqqaf l-Unita', u wara



jkun hemm linji gwida dwar l-operat, taħriġ kontinwu u aktar ħidma fuq l-ispezzjonijiet relatati mal-miżura tal-baġit. B'mod regolari jsiru spezzjonijiet kemm fil-Pitkalija għand l-aġenti, kif ukoll għand il-bidwi. Il-pass li jmiss huwa li jiżdiedu spezzjonijiet matul il-katina kollha inkluż għand il-bejjiegħa. Dan iwassal biex jiġu osservati u mqabbla l-kwantità u kwalità tal-prodotti li jgħaddu mill-Pitkalija, is-suq ewlieni.

Il-ħidma ta' l-Unita' tifrex ukoll fuq il-Pixkerija u l-Pitkalija billi ssir ħidma ma' t-taqsimiet l-oħra responsabbli mill-operat u minn funzjonijiet oħra biex naraw li jkompli jkun hemm titjib. Il-unit matul is-sena 2023 ser ikun qed jassisti u jagħmel audits interni.

Is-Swieq tal-Bdiewa huma fiċ-ċentru tal-ħidma ta' l-Unita'. Minħabba x-xogħlijiet relatati mal-proġett il-ġdid tas-Suq tal-Bdiewa ġewwa Ta' Qali f'Awwissu li għadda, is-suq ġie rilokat f'post ġdid, bil-kollaborazzjoni tal-*Project Design and Engineering*



*Directorate*, fil-parkeġġ ta' quddiem il-Park Nazzjonali. L-Unità ta' Sorveljanza, wara li ħasset bżonn torganizza s-suq u tieħu ħsieb jara li jkunu qed jiġu segwiti l-linji gwida tas-suq, kif obbligat, mill-ewwel bdiet tagħmel spezzjonijiet u kontroll kontinwu fuq il-prodotti li jinbiegħu fis-suq. B'hekk jiġi assigurat li ma jkunx hemm bejgħ ta' prodotti agrikoli mhux lokali fost aspetti oħra. L-Unita', minn żmien għal żmien, torganizza attivitajiet fis-suq tal-bdiewa bl-għan li tkattar l-għarfien fosthom fuq il-prodotti agrikoli lokali u fuq saħħa tajba permezz ta' kollaborazzjoni ma' entitajiet differenti jew għaqdiet mhux governattivi.




B'kollaborazzjoni mal-MCCAA, permezz tal-Unità ta' Sorveljanza, l-Aġenzija qed taħdem fuq ftehim ta' ħidma biex tingħata sikurezza fil-filliera tal-frott u ħaxix fejn għandhom x'jaqsmu testijiet għal traċċi ta' pestiċidi fuq il-frott u l-ħaxix skont il-liġijiet fis-seħħ.

Prijorità tal-Unit hija l-implimentazzjoni tal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni tal-frott u ħaxix frisk, li fuq dan għaddejja ħidma fuq pjan minn issa għas-snin li ġejjin. Dan ser ikun qed jiġi implimentat f'tappi differenti. Il-ħsieb huwa li għall-ewwel pass ikun hemm ħidma fuq il-prodotti tal-basal u l-patata b'kollaborazzjoni mal-partijiet interessati tas-settur. L-għan tal-istandards huwa li joffri prodott aħjar lill-konsumatur bi qligħ ġust għall-bidwi, billi jkun hemm gradar u ppakkeġġjar tal-prodotti kif jitolbu l-liġijiet li hemm fis-seħħ.

Is-sena l-oħra, b'kollaborazzjoni mal-MCAST, kofinanzjat mill-EIT Food, l-Unità ta' Sorveljanza, fi ħdan l-Aġenzija u flimkien mal-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali, ipparteċipat fil-proġett *Malta Food Citizen Lab* (#MaltaFoodCitizenLab). Dan il-proġett ta opportunità lill-konsumaturi li jipparteċipaw biex jistaqsu lill-professjonisti tas-settur u saru iktar informati dwar produzzjoni tal-ikel, b'attenzjoni speċjali lejn il-pestiċida u għodod oħra li jintużaw għall-kontroll tal-mard tal-pjanti. Fil-fatt l-għan tal-proġett kien li jżid il-fiduċja fil-prodott, fil-produzzjoni lokali u fis-sigurtà tal-ikel.

*Empowering Women in Agrifood – Malta* kien proġett ieħor li fl-2022, l-MCAST talbu l-kollaborazzjoni tal-*Malta Food Agency* flimkien mal-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali. L-MCAST offrew opportunità qasira, minħabba ż-żmien limitat tiegħu, lil grupp ta' nisa li ġejjin mis-settur tal-Agrifood (ikel u agrikoltura). Biss, bħal dan il-proġett, żgur li ser ikun hemm opportunitajiet oħra fil-futur.

Mill-bidu ta' Jannar 2023, ġie varat il-proġett ta' erba' snin, EXCEL4MED li ser jiffoka fuq rummien u larinġ. Flimkien ma' erbatax-il sieħeb ieħor li ġejjin mill-Greċja, Franza u



Malta – fosthom il-Malta Food Agency bil-ħidma tal-Unità ta' Sorveljanza – ser issir ħidma kollettiva fuq numru ta' aspetti. Iktar 'il quddiem inkunu qed niktbu artiklu speċifiku fuq il-proġett.

L-Unità ta' Sorveljanza tħares 'il quddiem għal iktar ħidma fi ħdan l-Aġenzija u ser inkunu qed inżommukom aġġornati bl-iżviluppi li jkunu qed isiru.

Għal iktar informazzjoni jew kuntatt, wieħed jista' jiktbilna fuq: surveillance.maltafoodagency@gov.mt jew iċempel fuq 2292 6713/4.





# L-GĦID U L-ĦARUF TAL-GĦID

*Kitba ta' Neville Sultana – Maniġer l Taqsima tal-Attivitajiet u l-Promozzjoni*

L-Għid hija festa li tiġi ċċelebrata kull rebbiegħa. Fost l-Insara, din il-festa hija ċelebrazzjoni ta' Ġesù Kristu li qam mill-mewt. L-Insara jemmnu li huwa l-aktar jum importanti tas-sena. Xi nies li mhumiex Insara jiċċelebraw l-Għid bħala l-bidu tar-rebbiegħa. Ħafna nies jattendu attivitajiet tal-knisja fl-Għid, anke jekk matul is-sena ma jattendux il-knisja regolarment.

L-Għid ġeneralment ma jiġix iċċelebrat fl-istess data kull sena. L-Għid jiġi ċċelebrat fl-ewwel Ħadd wara l-ewwel qamar mimli li jseħħ fil-21 ta' Marzu jew wara. Dan ifisser li tiġi ċċelebrata f'Marzu jew April. L-Għid bażikament jista' jseħħ bejn it-22 ta' Marzu u l-25 ta' April.

Il-kelma "Għid" bil-Malti tfisser festa. Infatti l-kelma "Għid" tingħaqad mal-isem tal-festa li trid tiddeskrivi. Għall-qawmien ta' Kristu mill-mewt, insejħulu l-Għid il-Kbir. Jissejjaħ hekk għax skont il-Knisja, din hija l-aqwa festa. Il-kelma Ingliża "Easter" hija derivata minn *Eostre*, l-isem tal-alla Anglo-Sassona (ta' oriġini Ingliż) tar-rebbiegħa. Il-festa tagħha sseħħ fl-ekwinozju primarju ta' bejn ix-xitwa u r-rebbiegħa. Il-kliem bil-Franċiż, Spanjol u Taljan għall-Għid huma vera simili – *Pâcques*, *Pascua* u *Pasqua*, u dawn ġejjin mill-kelma Griega (πάσχα – Páscha) għall-Għid li jiċċelebraw il-Lhud li tiġi ċċelebrata madwar l-istess żmien tas-sena.

Fost is-simboli popolari tal-Għid, il-ħaruf huwa bil-bosta l-aktar wieħed sinifikanti ta' din il-festa kbira. Jingħad li l-ħaruf jissimbolizza lil Ġesù, peress li jinkorpora s-safa u t-tjubija, iżda jirrappreżenta wkoll is-sagrifiċċju.

Meta wieħed imur lura lejn l-istorja Lhudija u ż-żmien tal-Għid (li fuqu huwa bbażat l-Għid il-Kbir), isiru ċelebrazzjonijiet biex jimmarkaw il-ħelsien tal-Iżraelin mill-jasar fl-Eġittu. Il-ħaruf kien sagrifiċċju li sar matul l-Għid Lhudi, li hija festa li tfakkar l-aħħar kastig tal-jasar tal-Eġittu; il-miġja tal-anġlu tal-mewt fl-Eġittu. Mosè kien wissa lill-poplu Lhudi sabiex jidilku d-demm tal-ħrief tas-sagrifiċċju fuq il-koxox tal-bieb tagħhom. B'hekk ħelsu lill-ewwel ulied imwielda milli jidħol l-anġlu tal-mewt u joqtolhom. L-Eġizzjani ma tawx kas, inkluż il-Fargħun (ir-re tal-Egittu) u kollha qamu bi wliedhom il-kbar mejta.

Għall-Insara, Ġesù ġie msallab matul il-ġimgħa tal-Għid u għamel is-sagrifiċċju aħħari, ħajtu. Hu msejjaħ "Ħaruf ta' Alla" u "Ħaruf tal-Għid tagħna" fil-Bibbja. Matul l-Għid niċċelebraw ir-rebħa ta' Ġesù fuq il-mewt. L-Insara jieklu l-ħaruf fl-Għid biex jiftakru f'dan is-sagrifiċċju u f'dan it-trijonf.

F'Malta, ma tkunx ċelebrazzjoni sakemm ma nikkunsmawx ammont kbir ta' ikel bnin fl-ikla tal-Għid tal-familja eżatt wara l-quddiesa u l-ġirja trijonfanti li tagħmel l-istatwa tal-Irxoxt fil-biċċa l-kbira tal-irħula tal-gżejjer. Il-ħaruf tal-Għid il-Kbir ġeneralment jisserva mixwi (f'forn tal-ħatab għall-itjeb togħma) u mħawwar bil-klin (rosemary) u r-rand (bay leaf) ta' Malta, żejt taż-żebbuġa lokali, tewm, bżar u melħ. Qabel ma jitpoġġa l-ħaruf fid-dixx, titqiegħed abbundanza ta' ħaxix lokali bħal ngħidu aħna karrotti, basal u patata ħalli t-tjubija taż-żjut tinħall mill-ħaruf u l-ħxejjex jissajru fihom. Dan il-ħaxix jisserva mal-biċċiet tal-ħaruf bħala kontorn.

Il-ħaruf jidħol ukoll fid-deżerta tal-Għid il-Kbir Malti fil-forma ta' figolla tradizzjonali mimlija lewż u ntrita bnina.

Gawdi u tpaxxa bl-ikla tradizzjonali tal-Għid tiegħek bl-aktar mod bnin u frisk billi tfakkar lill-adulti fil-familja tiegħek sabiex jagħżlu dejjem prodotti lokali!

*Ritratt huwa ta' Michael Becker minn Pixabay*

# Kraft: Ħaruf tat-Tajjar

**GĦANDEK BŻONN:**

- *Roll vojt tat*-toilet paper
- *Tajjar*
- Pipe cleaners *suwed*
- *Fowm/feltru (felt) iswed*
- *Googly eyes*
- *Kolla kolla tas-snajja u pinzell*
- *Lapes ippuntat u temprina*
- *Tejp*
- *Karti ħżiena*

**METODU:**

- Aqta' t-*toilet paper roll* tiegħek min-nofs.
- Uża lapes li jaqta' biex tagħmel erba' toqbiet fil-qiegħ tar-roll, tnejn fuq kull tarf għar-riġlejn.
- Daħħal biċċa *pipe cleaner* sewda daqs ta' 6.5ċm minn ġo kull par ta' toqob biex toħloq saqajn il-ħaruf. Waħħalhom b'biċċa tejp ġewwa r-roll.
- Għaffeġ ftit karti ħżiena u imla ġewwa r-roll. Dan il-pass mhux obbligatorju iżda jgħinek meta tiġi biex twaħħal ras il-ħaruf aktar tard.
- Aqta' l-forma ta' wiċċ il-ħaruf mill-fowm jew feltru iswed u uża l-kolla biex twaħħalha bir-reqqa mat-tarf tar-roll tal-kartun u mal-karta ħażina mgħaffġa.
- Uża pinzell biex tiksi r-roll bil-kolla u mbagħad żid blalen tat-tajjar.
- Meta tagħmel it-tarf tar-roll ser ikollok bżonn tiġbed ftit il-blalen tat-tajjar biex tgħinhom jinfirxu aktar. Waħħal ukoll mat-tarf tar-roll u l-karta mgħaffġa li mwaħħla ġewwa.
- Fl-aħħar nett, żid il-*googly eyes* mal-wiċċ tal-ħaruf u ħalli kollox jinxef.







**Tfal, issa li qrajtu dwar l-Għid u l-Ħaruf tal-Għid, tistgħu tidħlu biċ-ċans li tirbħu vawċer ta' €20 li jissarraf fi ktieb/kotba mingħand Calleja Secondstep. Dan tistgħu tagħmluh billi twieġbu tajjeb għall-mistoqsija li hawn iktar 'l isfel. Din il-kompetizzjoni hi miftuħa għal dawk li għandhom 12-il sena jew inqas. Ir-rebbieħ jittella' bil-polza minn fost dawk li jkunu bagħtu tweġiba tajba.**

## MISTOQSIJA:
## Kif jidħol il-ħaruf fid-deżerta tal-Għid il-Kbir Malti?

**Ibgħat it-tweġiba tiegħek flimkien ma' ismek, kunjomok, id-data tat-twelid, in-numru tat-telefown u l-indirizz, jew permezz ta' email fuq nisgetartna.mafa@gov.mt, jew bil-posta – Taqsima tal-Attivitajiet u l-Promozzjoni, Agriculture Research and Innovation Hub, l-Għammieri, Il-Marsa, MRS 3303, sa mhux aktar tard mit-30 ta' April 2023.**

**Ir-rebbieħ tal-kompetizzjoni ta' Nisġet Artna Xitwa 2022 huwa Samwel Gatt.**

